TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 50/12

**John Fsadni**
**vs**
**Daniel Cini eżerċenti fil-kummerċ bħala Blue Spot**

Illum 23 ta' Novembru, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn ewro (€200), rappreżentanti televixin antik illi intrema *da parte* tal-intimat.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa t-televixin għat-tiswija u minkejja li ħadu biex isewwih, dan xorta reġa' bil-problemi u għalhekk reġa' ħadu għand l-intimat għat-tiswija.

L-intimat issottometta illi huwa minnu li kien rema t-televixin u li dan it-televixin kien inxtara xi tmintax-il sena ilu, u minkejja li l-intimat talab lir-rikorrenti kemm-il darba biex imur għalih għaliex ma setax isewwih minħabba li ma kienx hemm *spare parts*, dana qatt m'għamlu, bil-konsegwenza li kellu jarmih għax kien qed jokkupalu ħafna spazju.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi r-rikorrenti għamel enfasi li dan it-televixin kien ta' valur sentimentali u għalhekk qed jitlob il-flus lura.

It-Tribunal, min-naħa l-oħra jinnota li dan it-televixin kellu tmintax-il sena u minħabba l-fatt li r-rikorrenti dam ħafna sabiex imur jiġbru, l-intimat kien ġustifikat li jarmih.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070, FAX: (+356) 21239888